

Brussell, 30 ta' Mejju 2022
(OR. en)

9514/22

COH 44
ENV 502
COMPET 402
SAN 314
EDUC 188
EMPL 205
RECH 302
TRANS 325
AGRI 213
POLCOM 39
RELEX 694
POSEIDOM 2
POSEICAN 2
POSEIMA 2

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	8781/22 (COM (2022) 198 final)
Suġġett:	Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE": konklużjonijiet tal-Kunsill – <i>Approvazzjoni</i>

1. Fil-5 ta' Mejju 2022, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill irċieva l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE"¹.

¹ Dok. 8781/22+ ADD 1 + ADD 2.

2. L-Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Presidenza ġie eżaminat fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar Miżuri Strutturali u Reġjuni Ultraperiferiċi tat-12 ta' Mejju² u l-24 ta' Mejju 2022³. Id-delegazzjonijiet qablu dwar l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.
 3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex jadotta dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsabu fl-Anness għal din in-nota.
-

² WK 6663/22.

³ WK 6663/22 REV 1.

Abbozz ta'

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JFAKKAR:

- fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 - fil-Komunikazzjoni "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE" tat-3 ta' Mejju 2022;
 - fil-Komunikazzjoni "Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" tal-24 ta' Ottubru 2017;
 - fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew "Lejn sħubija aktar b'saħħitha mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE" tal-14 ta' Settembru 2021;
 - fl-Opinjoni tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tas-sħubija strateġika mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE tal-10 ta' Diċembru 2020;
 - fl-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Il-benefiċċji tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-UE" tal-20 ta' Jannar 2022;
 - fl-istudju dwar l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq ir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Ottubru 2021;
1. JIRRIKONOXXI l-ispeċifitàjiet ta' Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Martinique, Réunion, Mayotte, Saint-Martin, l-Azores, Madeira u l-Gżejjer Kanarji, jiġifieri s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika strutturali tagħhom, li hija aggravata mill-pożizzjoni remota, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli, ir-riskji naturali u d-dipendenza ekonomika tagħhom;

2. IFAKKAR li l-Artikolu 349 TFUE jippermetti lill-Kunsill jadotta, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, miżuri speċifiċi għall-applikazzjoni tat-Trattati sabiex jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi;
3. JIRRIKONOXXI li dawn ir-reġjuni jista' jkollhom bżonn l-appoġġ mill-Unjoni Ewropea, jiġifieri leġislazzjoni tal-UE adattata għall-ispeċifitàt tagħhom, assistenza għall-inġinerija territorjali u appoġġ finanzjarju; JISSOTTOLINJA li tali appoġġ huwa kruċjali biex tissaħħaħ il-koeżjoni madwar l-UE, biex jitnaqqsu d-differenzi bejn dawn ir-reġjuni u l-bqija tal-UE, u biex jiġi ffavorit l-irkupru strutturali u ekonomiku sostenibbli;
4. JIRRIMARKA, b'mod partikolari, li r-reġjuni ultraperiferiċi huma esposti u vulnerabbli għal riskji naturali, it-tibdil fil-klima u eventi ta' temp estrem;
5. JISSOTTOLINJA li r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw għadd ta' restrizzjonijiet komuni kif imsemmi fl-Artikolu 349 TFUE, u li kull reġjun ultraperiferiku jgħib benefiċċji differenti għall-UE;
6. JIRRIKONOXXI d-dispożizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi minqusa f'aktar minn għoxrin regolament tal-UE li jistabbilixxu l-fondi u l-programmi tal-UE tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027;
7. JILQA' t-tiġdid tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE; JILQA' l-enfasi fuq li n-nies jitqiegħdu l-ewwel – ladarba ċ-ċittadini Ewropej huma dawk li jgħaqqdu l-proġett Ewropew – u fuq l-iżgurar li l-irkupru ekonomiku u t-tkabbir sostenibbli jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-poplu;
8. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni li tappoġġa r-reġjuni ultraperiferiċi u li tintegra l-ispeċifitàt ta' dawn ir-reġjuni fil-leġislazzjoni u l-politiki tal-UE espressi fihom biex tagħti spinta lill-iżvilupp tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta u bbażati fuq il-post;

9. JIRRIKONOXXI li l-istrateġiji ta' żvilupp għar-reġjuni ultraperiferiċi huma xprunati u aġġornati b'mod regolari fejn meħtieġ mir-reġjuni u l-Istati Membri tagħhom; JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u ser jaħdem mill-qrib mal-Kummissjoni biex imexxi 'l quddiem dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

I. DWAR IL-PANDEMIJA TAL-COVID-19, IR-RISPONS GĦALL-KRIZIJET U L-IRKUPRU EKONOMIKU

10. JIRRIKONOXXI li l-kwistjonijiet ta' sigurtà u reżiljenza jridu jiġu kkunsidrati aħjar f'dawn ir-reġjuni; JINSISTI fuq l-importanza tat-tnejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet;

11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-livelli għoljin ta' faqar fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari wara l-pandemija tal-COVID-19; JILQA' l-prijoritajiet espressi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bħat-tnaqqis tal-faqar, l-integrazzjoni u l-ugwaljanza;

12. JIRRIKONOXXI l-prijorità mogħtija mill-Kummissjoni għal irkupru u tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv fir-reġjuni ultraperiferiċi wara l-pandemija tal-COVID-19 u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tappoġġa setturi li qed jikbru malajr u li joħolqu impjiegi li jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli;

13. JISĦAQ fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' investimenti fis-settur tat-turiżmu biex jiġi appoġġat l-irkupru u l-iżvilupp sostenibbli ta' dan is-settur strateġiku;

14. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu appoġġati aktar l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp fir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jintlaħqu l-ambizzjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam ekonomiku u lil hinn minnu;

15. JAJFERMA li l-ekonomija blu sostenibbli hija identifikata mill-Kunsill bħala wieħed mis-setturi ewlenin biex jitrawwem it-tkabbir ekonomiku tar-reġjuni ultraperiferiċi;

16. JENFASIZZA l-opportunitajiet tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala faċilitatur tat-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi u t-tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku mibni fuq is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni;

Għajnuniet mill-Istat

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma fuq ir-reviżjoni tar-regolamenti dwar l-għajnuna mill-Istat abbażi tad-dispożizzjonijiet eżistenti għar-reġjuni ultraperiferiċi fil-leġislazzjoni tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat;
18. JILQA' l-flessibbiltà fil-qalba tal-Qafas Temporanju għall-għajnuna mill-Istat matul il-pandemija u JFAKKAR li dan ippermetta li jiġu limitati l-konsegwenzi negattivi tal-pandemija tal-COVID-19;
19. JISSOTTOLINJA li l-għajnuna fir-reġjuni ultraperiferiċi jista' jkun li ma taffettwax il-kompetizzjoni fis-suq intern, sakemm din timmira attivitajiet purament lokali;

II. DWAR L-IRKUPRU U T-TKABBIR SOSTENIBBLI U INKLUŻIVI

20. JILQA' l-post ċentrali mogħti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tan-nies li jgħixu fir-reġjuni ultraperiferiċi billi l-ħtiġijiet u t-tħassib tagħhom jitqiegħdu l-ewwel fil-proċess ta' rkupru u tkabbir; JILQA' b'mod partikolari l-għan li tinkiseb konverġenza bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u reġjuni oħra tal-UE;
21. JISSOTTOLINJA, wara s-Summit ta' Porto, il-ħtieġa li tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni ultraperiferiċi fil-qafas tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;

L-indirizzar tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini: l-infrastruttura u s-servizzi

22. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-iżvilupp tal-infrastruttura f'xi reġjuni ultraperiferiċi, sabiex dawn ir-reġjuni jibbenefikaw mill-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp tat-turiżmu sostenibbli, l-iskambji fi ħdan iż-żoni ġeografiċi tagħhom u biex tiġi żgurata r-reżiljenza;
23. JISTIEDEN lill-Istati Membri kkonċernati biex jimpenjaw ruħhom aktar, filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi rispettivi tar-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom, speċjalment biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' infrastruttura bażika - għall-ilma tax-xorb pubbliku, l-akkomodazzjoni, is-servizzi sanitarji, il-ġestjoni tal-iskart, l-enerġija nadifa, il-veloċità għolja, in-networks ta' informazzjoni reżiljenti, ir-reżiljenza għal diversi riskji -, u l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u s-servizzi ta' kura soċjali, bħall-edukazzjoni, il-kura tat-tfal, is-saħħa jew it-trasport;
24. IFAKKAR fid-dipendenza totali tar-reġjuni ultraperiferiċi fuq it-trasport bl-ajru u marittimu affordabbli u affidabbli, għall-mobbiltà tal-popolazzjonijiet tagħhom u għall-provvista ta' oġġetti essenzjali;

Iż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u l-impjiegi

25. IFAKKAR fil-ħtieġa li r-reġjuni ultraperiferiċi jagħtu s-setgħa liż-żgħażaġh speċjalment permezz tal-edukazzjoni formali u mhux formali, it-taħriġ u l-volontarjat, u jiżviluppaw l-impjegabbiltà bis-saħħa tal-iżvilupp tal-ħiliet, it-tagħlim tul il-ħajja u t-taħriġ vokazzjonali, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;
26. JISSOTTOLINJA li l-fondi u l-programmi tal-UE jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' taħriġ iffukat fuq attivitajiet li jipprovdu l-impjiegi fir-reġjuni; li jenħtieġ li jappoġġaw il-mobbiltà, inkluż il-mobbiltà fi ħdan il-baċir ġeografiku tagħhom, u l-iżvilupp ta' taħriġ iffukat biex jgħin it-tisħiħ tal-impjegabbiltà fir-reġjuni, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tar-reġjuni ultraperiferiċi affettwati mit-tixjiħ, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi jew proporzjon għoli ta' żgħażaġh;

27. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li toħloq skema ta' għotjiet li tagħti s-setgħa liż-żgħażaġh biex jaġixxu u jsawru u jimplementaw proġetti f'konformità mal-prijoritajiet tal-UE fil-livell lokali għas-sentejn li ġejjin; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri kkonċernati u lir-reġjuni ultraperiferiċi jikkomunikaw b'mod wiesa' dwar din l-inizjattiva;
28. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Komunikazzjoni billi tiżgura li l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi jitqiesu fil-politiki tal-UE relatati mal-impjiegi, inkluż l-inizjattiva ALMA, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u l-Garanzija għat-Tfal;

It-tranżizzjoni ekoloġika u l-bijodiversità

29. JINDIKA l-vulnerabbiltajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi relatati mat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jiġu appoġġati r-reġjuni ultraperiferiċi fl-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika; JISĦAQ li l-politiki li għandhom l-għan li jindirizzaw it-tibdil fil-klima jridu jiġu adattati għas-saħħiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, pereżempju l-potenzjal importanti tagħhom biex jiżviluppaw enerġiji rinnovabbli;
30. JINDIKA n-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala għall-ġestjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart fir-reġjuni ultraperiferiċi, u l-ħtieġa ta' soluzzjonijiet ta' rkupru u riċiklaġġ lokali orħos, mingħajr ma tiddgħajjef il-protezzjoni tal-ambjent;
31. JENFASSIZZA l-ħtieġa li l-appoġġ li jingħata lir-reġjuni ultraperiferiċi biex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" iqis il-kuntest partikolari ta' dawn ir-reġjuni;
32. JAFFERMA li l-pajsaġġi eċċezzjonali u l-bijodiversità tar-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jiġu protetti, restawrati u apprezzati; JISTIEDEN lill-Istati Membri kkonċernati biex ikomplu jimpenjaw ruħhom f'din il-perspettiva; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli tippromwovi dan l-assi;

L-ekonomija blu u s-sajd, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

33. JENFASIZZA li l-ekonomija blu sostenibbli bħala parti mill-Politika Marittima Integrata tal-UE u l-użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra għandhom rwol importanti fl-aġenda tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u JILQA' r-rwol ewlieni tal-Missjoni tal-UE "Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna sal-2030" biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku madwar l-oċeani u l-ibħra inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi;
34. JIRRIKONOXXI li d-diversifikazzjoni u l-awtonomija tal-ikel huma importanti għar-reżiljenza tar-reġjuni ultraperiferiċi u jenħtieġ li jiġu appoġġati permezz ta' politiki agrikoli u tal-baħar xierqa;
35. IFAKKAR fl-ispeċifitàjiet tas-sistemi ta' produzzjoni tal-ikel tar-reġjuni ultraperiferiċi meta mqabbla kemm mal-Ewropa kontinentali kif ukoll mal-pajjiżi ġirien tagħhom u l-importanza tal-agrikoltura u s-sajd sostenibbli f'termini tal-impjiegi u l-ippjanar tal-użu tal-art; JISĦAQ li l-produzzjonijiet lokali jenħtieġ li jiġu appoġġati; JILQA' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta l-istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" fir-reġjuni ultraperiferiċi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tassisti lil dawn ir-reġjuni biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet offruti minn din l-istrateġija, kif ukoll biex timplimenta l-prinċipji tal-approċċ Saħħa Waħda;
36. JILQA' l-fatt li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tirrifletti l-kwistjonijiet ewlenin li r-reġjuni ultraperiferiċi qed jiffaċċjaw fil-qasam tas-sajd u tal-ekonomija blu, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tadatta bis-sħiħ ir-regoli tagħha kif xieraq, speċjalment dawk relatati mal-ġhajnuniet mill-Istat, għas-sitwazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mas-sajd u l-ambjent; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi appoġġat it-tiġdid tal-flotta tas-sajd artiġjanali tar-reġjuni ultraperiferiċi;

III. DWAR IL-KOOPERAZZJONI MA' REĠJUNI EWROPEJ OĦRA, MA' PAJJIŻI ĠIRIEN U DAWK LIL HINN MINNHOM

37. JINSISTI fuq il-ħtieġa li l-persuni mir-reġjuni ultraperiferiċi jingħataw opportunitajiet ta' taħriġ fiż-żona ġeografika tagħhom stess, speċjalment permezz tal-mobbiltà fi ħdan il-baċir tagħhom;
38. JISTIEDEN lir-reġjuni ultraperiferiċi biex jippromwovu aħjar dak li jagħtu lill-UE, jinvolvu ruħhom flimkien fi proġetti ta' kooperazzjoni, iwettqu studji u jrawmu skambji fil-baċir ġeografiku tagħhom;
39. JILQA' l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-isfidi speċifiċi tal-migrazzjoni li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi, speċjalment fir-rigward tal-minorenni mhux akkumpanjati; IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri kkonċernati jintensifikaw l-użu tal-fondi Ewropej fil-ġestjoni kondiviża, speċjalment l-AMIF, l-ISF u l-BMVI;
40. JILQA' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tidentifika oqsma ewlenin għall-kooperazzjoni għal kull baċir; JISTIEDEN lill-Istati Membri kkonċernati biex jippromwovu l-kooperazzjoni f'dawn l-oqsma bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji barranin, kif ukoll ma' pajjiżi terzi;
41. JISĦAQ li r-reġjuni ultraperiferiċi jenħtieġ li jitqiesu bħala assi għall-UE u li jkunu involuti aktar ta' spiss fi proġetti ta' riċerka Ewropej; JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi f'konsorzji ta' riċerka dwar suġġetti speċifiċi bħall-bijodiversità, il-mard li jinġarr minn vettur u dak tropikali kif xieraq;
42. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jrawmu l-kooperazzjoni, l-iskambji u s-sinerġiji bejn ir-reġjuni tagħhom u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE;

43. JISSOTTOLINJA l-importanza tar-reġjuni ultraperiferiċi għar-relazzjonijiet esterni tal-UE, li jippermettu l-projezzjoni tal-interessi u l-valuri tal-UE fiż-żoni ġeografiki tagħhom; JISSOTTOLINJA l-importanza ta' integrazzjoni aħjar tar-reġjuni ultraperiferiċi fi proġetti ta' kooperazzjoni multilaterali, speċjalment meta jwettqu azzjonijiet pilota;
44. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tippreserva l-interessi tar-reġjuni ultraperiferiċi, speċjalment fir-rigward tan-negozjati kummerċjali ma' pajjiżi terzi;

IV. DWAR L-ISĦUBIJA, ID-DJALOGU U L-APPOĠĠ IMSAĦĦA

45. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex:
- tkompli tesplora modi biex tingħata spinta lill-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi;
 - ittejjeb il-koordinazzjoni tal-politiki tal-UE għal dawn ir-reġjuni biex jinkisbu politiki trasversali aktar effiċjenti;
 - tħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati u r-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom fit-tfassil tal-politika, tirrifletti l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-programmi ta' ħidma annwali jew pluriennali tal-programmi tal-UE u fis-sejħiet għal proġetti kif xieraq;
 - issaħħa is-sensibilizzazzjoni dwar l-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fis-servizzi kollha; f'dan ir-rigward, tkompli torganizza laqgħat regolari tal-grupp ta' ħidma li jlaqqgħu flimkien il-Kummissjoni, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-Istati Membri tagħhom; torganizza laqgħat tematiċi speċifiċi f'livell ta' grupp ta' ħidma mas-servizzi rilevanti tagħha biex jiġu analizzati l-proposti magħmula mir-reġjuni ultraperiferiċi;
 - tiżgura, fejn xieraq, l-inklużjoni sistematika tal-ispeċifikitajiet tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-valutazzjonijiet tal-impatt permezz ta' valutazzjonijiet tal-impatt territorjali;
46. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi għodod konsultattivi biex, fuq talba tagħhom, tgħin lir-reġjuni ultraperiferiċi individwali jfasslu pjanijiet ta' żvilupp reġjonali, riformi u aġendi ta' investment u jaħtfu opportunitajiet u sinerġiji taħt il-fondi u l-programmi tal-UE li jistgħu jikkomplementaw l-għodod u l-iskemi konsultattivi nazzjonali;

47. JISTIENEN lill-Istati Membri kkonċernati jappoġġaw lir-reġjuni ultraperiferiċi tagħhom fit-tiżni tal-kapaċitajiet amministrattivi u jagħtu spinta lill-iżvilupp tal-ħiliet biex jibbenefikaw bis-sħiħ mill-programmi tal-UE;
48. JINSISTI fuq il-ħtieġa li jinbnew għodod ta' monitoraġġ biex tiġi mmonitorjata regolarment l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni.
-